A.L. 7 ta' l-2002

ATT DWAR IR-REĠISTRU PUBBLIKU
(KAP. 56)

Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39(1) ta' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, il-Ministru ta' l-Intern, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2002 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2001 li jemendaw l-Iskedi li jinsabu ma' l-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 290 ta' l-2001.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament (1) tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "fil-21 ta' Jannar, 2002" għandhom jidħlu l-kliem "fil-15 ta' April, 2002".